
B'TISLIMA MINN QALBNA:
INTI JA OMMNA
SABIHA BHALL-
QAMAR TIDDI
BHAX-XEMX
U SAFJA
BHALL-GILJU!
BERIKNA
SOCJETA MUZIKALI TAL-GILJU
A.D. 1911

A.D. 1911

SOĊJETA MUŻIKALI TAL-ĠILJU
MQABBA
KUMITAT 1984-85

**Presidenti Onorarji**

MENU VELLA SAVER ABDILLA GAKBU BARBARA

**President**
JOE ZAMMIT

**Viċi President**
CHARLES SACCO

**Segretarju**
JOE ABDILLA

**Ass. Segretarju**
BENNY DINGLI

**Kaxxier**
BENNY BRIFFA

**Ass. Kaxxier**
TEDDY FARRUGIA

**MEMBRI**

CHARLES AZZOPARDI
BENNY FARRUGIA
JOE GAUCI
AMABILE BARBARA
TARCISIO DINGLI
LAWRENCE MAGRO

**Direttur Spiritwali**
PATRI ADRIAN J. CACHIA O.F.M.

**Direttur tal-Banda**
MRO. JULIO TANTI A.MUS.L.C.M.

**Ass. Direttur tal-Banda**
MRO. CHARLES CACHIA

## KUMMISSJONI BANDA

**Chairman**
MRO. JULIO TANTI A.MUS.L.C.M.

**Ass. Chairman**
MRO. CHARLES CACHIA

**Membri**

JOE BUHAGIAR
AGOSTINO GAUCI
LAWRENCE MAGRO
MICHAEL MAGRO

**Rappresentat fil-Band Club's Ass.**
JOE ABDILLA

**Arkivista**
LAWRENCE MAGRO

**Delegati Tan-Nar**
BENNY FARRUGIA
BENNY DINGLI

**Rivizuri**
JULIO SACCO
JOE AZZOPARDI

**Delegat Tal-Isports**
CHARLIE AZZOPARDI

## Introduzzjoni mill-President:



Inħoss li f'dawn il-jiem ta' ferħ ikun xieraq li nieqfu ftit biex naħsbu f'dawk l-antenati tagħna li b'kuraġġ, ħila u b'rieda soda taw bidu lil dak li aħna lkoll qegħdin niċċelebraw illum: Jum il-festa għażiża tagħna lill-Madonna tal-Ġilju.

Dak kollu li għandna llum, huwa wirt ta' missirijietna. Aħna bħala wlied ħabrieka wrejna l-apprezzament tagħna għal dan il-wirt b'lli wettaqna dejjem aħjar dak li huma bdew b'tant għożża. Il-progress li sar fil-każin tas-soċjeta', bil-għan li minn sena għal oħra nfakkru l-festa ad unur ta' Marija Mmakulata, huwa kollu dovut għal dawk li sa mill-bidunett, matul is-snin, ipproservaw it-tradizzjoni għażiża u qaddisa tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju.

Nixtieq nispjċċa billi nitlobkom taħsbu ftit, flimkien miegħi, fuq kemm dejjem kienu ġenerużi l-partitarji. Ix-xjuħ tagħna, huma u jitkellmu dwar l-imgħoddi, igħidulek spiss kemm batew sabiex jaqilgħu x'jieklu, u kemm-il darba qagħdu nieqsa minn diversi ħwejjeġ. Iżda qatt ħadd ma qal li l-festa ma saritx minħabba nuqqas ta' flus. L-appell tiegħi għalhekk li nibqgħu inħaddnu t-tradizzjoni u l-fama li s-soċjeta' dejjem qawdiet.

B'hekk nixtieq lil kulħadd il-festa t-tajba, u bħal dejjem nifirħu u nferrħu.

**Joe Zammit**

SOĊJETA MUŻIKALI TAL-ĠILJU

A.D. 1911

11, Pjazza tal-Knisja

Mqabba.

WERREJ


Introduzzjoni mill-President ... 1
Il-Kelma tal-Kappillan ... ... 3
Jikteb is-Segretarju ... ... ... 5
Appell mill-Kaxxier ... ... ... 7
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ... ... ... 8 & 9
Impenji mill-Banda Lily ... ... 11
Tagħrif fuq il-mużika li ser tindaqq mill-Banda Lily ... ... ... 13
Profil:— L-Aħwa Ġanni u Pawlu Cassar ... ... ... ... 14 & 15
Funzjonijiet fil-Knisja ... ... ... 16
Fest' Esterni ... ... ... ... ... 17
Programm tan-Nar ... ... ... ... 19
Kalendarju t'Attivitajiet ... ... 21
Il-Bradella ... ... ... ... ... ... 23
Poeżija ... ... ... ... ... ... ... 25
Sehem mill-Baned Mistiedna ... ... ... ... ... 27 & 29
Rendikont tal-Festa '83 fil-Knisja ... ... ... ... ... ... 31



EDITURI:— Teddy Farrugia — Benny Briffa.
RITRATTI:— Nicholas Briffa — Tanio Vassallo.
STAMPAT:— Barbara Press — Zurrieq

Ħajr lil dawk kollha li għenu din il-Publikazzjoni, speċjalment dawk li għoġobhom jirreklamaw. — GRAZZI ĦAFNA.


IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



Sena wara sena, il-festa tasal u twarrab bit-tama li terġa tiġi. Hekk sejra d-dinja. Jitwieldu t-trabi, u jmutu n-nies. Kbar jew żgħar. Wieħed jieħu post l-ieħor f'dinja maħluqa sabieħa minn Alla, iżda mtebbgħa bi kliem fieragħ u għemil bla bżonn mill-bniedem.

Hekk inħares lejn il-festi tal-'bombi' fir-raħal tagħna.

Xi darba fl-antik, xi ħadd ġietu l-idea li aħna l-Maltin ukoll indaħħlu fl-irħula tagħna l-festi f'ġieħ il-Qaddisin, fosthom il-Madonna, b'sens ta' qima lejhom u glorja lil Alla. Kienu festi li jqajmu vera devozzjoni u sens ta' rġulija.

Iżda, bħal kull ħaġ'oħra, l-iskop prinċipali tal-festi i.e. qima lejn il-Qaddisin, u qawmien spiritwali fil-fidili, beda jiddgħajjef bl-indħil ta' elementi oħra mneżża' minn kull devozzjoni...... fosthom l-aqwa armi tax-xitan...... l-għira, il-pika u d-dagħa.

M'għandi xejn f'moħħi b'dan il-kliem ħlief ħaġa waħda, iżda bil-wisq importanti, bħala messaġġ li nixtiequ jinżel fil-fond ta' qalbna u mhux jibqa' biss fuq il-programm tal-festa.

Il-messaġġ huwa dan: intom li għandkom ir-responsabbilta' tat-tmexxija u intom li għandkom l-obbligu, bħala partitarji, tar-rispett u l-ubbidjenza...... indunajtu jew le bir-responsabbilta' tremenda li għandkom fuq spallejkom?

Il-festi bdew kollha b'devozzjoni spiritwali, u ħafna, fosthom tar-raħal, spiċċaw f'pika bla sens. Żgur li xi ħadd kien responsabbli għal din il-bidla, u ta kont lil Alla t'għemilu.

U int li qed taqra, liema triq qed issegwi...... dik tal-qima jew dik tal-pika?

Kemm nixtieq li dawn il-kelmtejn li sotu jidhru fil-programm, ma jinkitbux iżjed mill-Kappillan, iżda mill-istess Madonna li lilHa suppost qegħdin nagħtu ġieħ ! ! !

Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD.

Father Willie


**GAETANO**

**PHOTO SERVICE**

FOR EXCELLENT PHOTOS & MOVIES

**134 COSPICUA RD., PAOLA — Tel: 825458**

ACCEPT BOOKINGS FOR ALL OCCASIONS

**REASONABLE PRICES**

Passport & I.D. Cards Photos in a few seconds.

# JIKTEB IS-SEGRETARJU



Għaddiet sena oħra mill-aħħar pubblikazzjoni ta' tifkira li s-Soċjeta ħarġet għall-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Permezz ta' dan il-ktejjeb, jiena bħala Segretarju ta' din l-Għaqda Mużikali, qiegħed ikolli x-xorti li niltaqa' magħkom fi djarkom. B'dal-mod intom tkunu tafu iżjed lis-Soċjeta', u jkollkom sodisfazzjon ta' l-għajnuna tagħkom, li jiena ċert li tkomplu tagħtu lis-Soċjeta' tant għażiża għalina.

Is-Soċjeta' hija magħmula minn Soċi, Bandisti u Membri. Minn fost dawn kull sentejn jiġi magħżul Kumitat. Kull attivita' li ssir f'isem is-Soċjeta' toħroġ minn dan il-Kumitat. L-akbar uġigħ ta' ras għal dan il-Kumitat hija l-organizzazzjoni u l-ġbir ta' fondi sabiex ta' kull sena tiġi ċċelebrata l-Festa. Kif wieħed jista' jara b'għajnejh stess, minn xi snin 'l hawn kibret ħafna, u dan huwa dovut għaliex is-Soċi u Partitarji qegħdin jikbru aktar fl-imħabba u fl-interess lejn is-Soċjeta'. L-organizzazzjoni għall-Festa titlob tħejjija sagrifiċċju, u dedikazzjoni s-sena kollha, u s-suċċess tal-festa jirrifletti kemm ikunu stinkaw il-membri u npenjaw ruħhom matul is-sena. Dan pero' jitlob koperazzjoni bejn il-membri diversi tas-Soċjeta', li għalenija jaħdmu għal għan wieħed.

L-akbar impenn għas-Soċjeta' huwa s-sehem tal-Banda fil-Festa. It-tagħlim tal-Mużika hija attivita' li tibqa' sejra s-sena kollha. Il-kunċerti mill-Banda bi programmi mużikali mżewwaq ma jonqsux. Għalhekk nagħtu grazzi b'rikonoxximent lill-Bandisti li joffru s-servizz tagħhom mingħajr ebda ħlas, flimkien mas-Surmast Direttur.

Ringrazzjament imur ukoll għad-dilettanti tan-nar, għas-sehem u b'sagrifiċċju kbir barra l-perikoli tul is-sena kollha jagħmlu ħilithom kollha sabiex il-festa tagħna ma tkunx nieqsa min tas-sena ta' qabel.

Fl-aħħarnett inrodd ħajr mhux l-inqas lill-membri u partitarji kollha għax-xogħol u l-kontribuzzjonijiet li joffrulna. Hawnhekk inħoss li għandi nirreferi għall-ħidma li qed issir minn ċerti nisa, tant attivi fl-għajnuna tagħhom, speċjalment fil-ġbir ta' fondi.

Kulħadd jaf l-ispejjeż li tinvolvi sabiex tagħmel festa kif nafu nagħmlu aħna. Għalhekk huwa xieraq li kbir u żgħir, jgħin lill-Kumitat li għandu spejjeż kbar sabiex ikabbar il-festa. Jekk il-fondi meħtieġa ma jinġabrux ma jkollniex triq oħra ħlief li għal darba'oħra nnaqqsu mill-impenji tagħna li s-soltu nagħmlu fil-ġranet tal-festa. Sabiex il-Kumitat jiġbor il-fondi meħtieġa jagħmel sforzi kbar, u jien persważ li intom m'intomx sejrin tibagħu lura, milli tgħinuna fil-finanzi.

Fil-ġranet tal-festa għandna naraw li l-ferħ tagħna ikun leċitu u dinjituż li bih inbierku u nagħtu ġieħ kif jixraq lill-Patruna tagħna Ommna Marija tal-Ġilju ħalli mis-Sema tbierek il-ferħ tagħna u tifraħ magħna.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nwissi biex kulħadd iġib ruħu sewwa waqt li nkunu niċċelebraw u niddevertu, u ma nħallux l-entużjażmu tal-Festa jġorri bina, għaliex sabiex il-festa tibda u tispiċċa b'suċċess trid tkun l-imġieba tajba tagħna.

Fil-waqt li nawgura lil kulħadd l-isbaħ xewqat għall-festa tagħna, nitlobkom li tingħaqdu miegħi bl-għajta ferrieħa ta' VIVA L-MADONNA TAL-ĠILJU.

VIVA L-BANDA LILY. **Joe Abdilla**

# APPELL MILL-KAXXIER



Il-festa waslet...... mill-ġdid is-Soċjeta' tagħna tifraħ, titħenna, u tagħmel briju. Il-Madonna tal-Ġilju tkattar il-ferħ fi qlub l-partitarji kollha tas-Soċjeta' li ġġib isimha. Is-soċjeta' Mużikali tal-Ġilju hija fiha nfisha komunita' — għaqda ta' Bandisti u membri mmexxija minn Kumitat bi skopijiet ġenwini.

Minn dejjem, il-Kumitat insista biex tejjeb il-festa minn sena għall-oħra. B'dan il-għan f'moħħna din is-sena, il-ġbir tal-fondi sar b'mod aktar organiżżat. Sar ġbir bieb, bieb bl-għanuna ta' grupp ta' nisa dedikati. Saru wkoll diversi attivitajiet bħal ngħidu aħna Coffee Mornings, High Teas, Barbeques, eċċ., li l-qliegħ minnhom mar għall-fondi tal-festa. Saret ukoll ġabra fi żmien il-Milied u se ssir ġabra oħra bl-envelopes mid-djar Hadd qabel il-festa.

Dan il-ġbir serva biex il-Kumitat seta' jippjana aħjar il-festa għal din is-sena.

Iżda l-ispejjeż komplew jiżdiedu: insemmu biss il-baned li għolew bi 30%. Dan juri li l-ħidma li saret se sservi biss bħala bażi. Il-ġenerożita' tal-partitarji dejjem kienet kbira meta tqis iċ-ċokon tar-raħal tagħna. B'dan f'moħħna nixtieq nappella lil kulħadd. L-aktar lill-partitarji biex fl-arbular tal-festa ma jonqsux li jagħtu sehemhom. Ta' dan, f'isem il-kumitat nirringrazzjakom. U hawn tajjeb li nirringrazzja lill-grupp ta' nisa li jieħdu ħsieb il-ġbir bieb, bieb u lil dawk li jorganizzaw l-attivitajiet l-oħra, għall-koperazzjoni li dejjem sibt minn għandhom.

J'Alla l-Madonna tkompli tbierek u timla bil-ġenerożita' lill-Imqabbin kollha.

Benny Briffa


## JULIO & CHARLIE SACCO

QRENDI ROAD,

MQABBA

JAWGURAW

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD

U JFAKKRU LI HUMA JAGHMLU

## Xoghol fl-Injam ta' Kwalita' Gholja

PREZZIJIET MODERATI

# MESSAGG MID-DIRETTUR SPIRITWALI



"X'festa kellna!"...... "Veru dis-sena rnexxiet Alla jbierek!"...... "U kemm kien hawn turisti; il-pjazza kienet fgata!" ...... "U xi tgħidli għan-nar?"

Dawn għeżież ħuti, huma ftit mill-kummenti li ħafna drabi nisimgħu wara l-festa. Nistgħu ngħidu li verament dawn ikunu veru; imma, ngħid jien, b'daqshekk nistgħu ngħidu bir-raġun x'festa kellna? Ma naħsibx li l-festa tista', anzi għandha titkejjel biss minn hekk. Mela nistaqsu, "X'inhuqos iżjed biex il-festa tkun suċċess?"

Qabel xejn festa hija okkażżjoni jew ċelebrazzjoni reliġuża. Issir biex l-ewwelnett tintwera d-devozzjoni u l-qima f'ġieh min issir, u t-tieni biex b'din il-protezzjoni kulħadd jifraħ. Mela l-festa qabel l-aspett soċjali għandha dak reliġjuż. Il-qwaj hu li ħafna drabi tingħata ħa[illegible] mportanza lil ta' l-ewwel b'detriment għal tat-tieni. Nagħtiduha kif inhi: Kemm millpartitarji, speċjalment irġiel, jafu x'isir fil-festa ġewwa l-knisja? Żgur li huma ftit, anzi ftit ferm. Għal ħafna, il-festa ta' ġewwa l-knisja tfisser il-vara tal-Madonna, kif u fejn tintrama, u t-tiżjin l-ieħor. Forsi wkoll li nsibu min f'din il-ġurnata tant għażiża jibqa' bla quddies u anke ħafna bla qrara u tqarbina. Din hi sitwazzjoni li taħkem sew fost ħafna festi reliġjużi tagħna l-Maltin bla ebda distinzjoni. Jiena, bħala direttur spiritwali ma nistax nibqa' fommi sieket anzi nħossni fid-dmir li nikkundanna dan il-mod u nħeġġeġ għal aktar matur ta' nisranija fost il-partitarji w anke d-devoti tal-Madonna.

Jiena nħossni sodisfatt li anke l-kumitat jaqsam miegħi dawn il-ħsibijiet anzi nista' naħid li jixtieq li jaħdem bis-sħiħ ħalli l-festa tiġi ċċelebrata kif jixraq bħala festa reliġjuża u festa ta' veru ferħ. Għalhekk inħoss li għandi niġbed l-attenzjoni għal xi punti:

i. Kull partitarju għandu jiċċelebra l-festa l-ewwel u qabel kollox bi qrara ħalli fil-quddiesa li jattendi għaliha jitqarben.

ii. Jekk inhu possibli jintwera aktar interess fil-quddies tat-Tridu li jkun bil-priedka u anke għall-quddiesa solenni ta' nhar il-festa filgħodu.

iii. Fil-purċissjoni għandha tintwera aktar serjeta' speċjalment minn dawk li jieħdu sehem. Assolutament m'għandux isir tipjip, ikel jew xorb waqt il-purċissjoni mir-reffiegħa u oħrajn li jkunu qed jieħdu sehem. Ser naħsbu minn qabel biex f'punti stabbiliti wieħed ikun jista' jidħol f'xi mkien biex itaffi l-għatx u xi ħwejjeġ oħra.

iv. Fil-marċijiet għandna nieħdu sehem tajjeb u nifirħu pero' bla ma noffendu lil ħadd jew inweġġgħu s-sentimenti ta' l-oħrajn b'egħmil ieħor. Wasal iż-żmien li nifirħu bla ma noffendu.

v. Dawk li jkollhom xi nar, bħal sfafar u gassijiet għandhom jiftakru li hemm ħaddieħor, speċjalment tfal, xjuħ jew nisa b't-trabi. Allura tajjeb li wieħed joqgħod naqra attent.

vi. Filwaqt li wieħed, fl-okkażjoni tal-festa waqt il-ferħ jixrob xi naqra iżjed missoltu, noqgħodu attenti mis-sokor. Dan ħafna drabi jirriżulta f'argumenti u ġlied bla sens li jtellef il-pjaċir tal-festa.

vii. Il-festa hija tal-Madonna u filwaqt li nikkundannaw id-dagħa dejjem u kullimkien, żgur li jkun aktar barra minn postu f'ċirkustanzi bħal din. Anzi nixtieq ngħid li min jitkellem ħażin jew jidgħi waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa se jittieħdu passi kontra tiegħu.

Nispera ħuti, li kulħadd jieħu dawn it-twissijiet bi spirtu fratern u nagħmlu ħilitna biex b'hekk inkunu nistgħu nżommu l-festa okkażżjoni ta' ferħ u għaqda u tgħinna ħalli verament inħobbu iżjed lill-Madonna u lill-Knisja. Tkun ħaġa ta' min jixtieqha li kulħadd u b'mod speċjali anke l-barranin, inkunu nistgħu ġenwinament ngħidu, "Alla jbierek kemm irnexxiet il-festa din is-sena". B'hekk kull festa li niċċelebraw tkun verament festa aħjar u aqwa minn ta' qabilha. Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**Fr. Adrian J. Cachia, O.F.M.**


# KRISTIANNE

**Mattia Preti Sqr.,**

**Zurrieq.**

**Stockists:**

- **Household Goods**
- **Perfumes**
- **Cosmetics**
- **Baby Foods etc.**

**Tel: 827391**

**HALMANN (VELLA) TILES LTD.**

MOSTA ROAD, LIJA — TEL: 45678 - 42933

GHAL KULL XOGHOL TA'

MUŻAJK — MARMETTONE — IRHAM TAL-MARMO RESINA — MADUM TAL-BJUT — IRHAM SINTETIKU — SKERTING etc.

STAQSU DEJJEM GHAL

HALMANN (VELLA) TILES LTD.

MOSTA ROAD, LJA — TEL: 45678 - 42833

## IMPENJI MUŻIKALI M'LL-BANDA LILY MATUL IS-SENA 1984

| | | |
|---|---|---|
| 23 ta' Mejju: | Madonna tal-Ġilju MQABBA | Marċ |
| 26 ta' Mejju: | Madonna tal-Ġilju MQABBA | Marċ u Programm |
| 27 ta' Mejju: | Madonna tal-Ġilju MQABBA | Marċ ta' Nofsinhar |
| 17 ta' Ġunju: | San Pawl SAFI | Marċ ta' Filgħodu |
| 1 ta' Lulju: | Sacro Cuor SLIEMA | Marċ u Programm |
| 2. ta' Settembru: | Santa Katerina ŻURRIEQ | Marċ u Programm |
| 9 ta' Diċembru | Il-Kunċizzjoni MQABBA | Programm Mużikali |
| 23 ta' Diċembru: | Il-Milied MQABBA | Marċ bil-Carols |

## PROGRAMM MUŻIKALI MILL-BANDA LILY FIL-PJAZZA TAL-KNISJA — MQABBA IS-SIBT, 26 TA' MEJJU

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Lill-Madonna tal-Ġilju | J.Darmanin |
| March | Radetzky March | J. Strauss |
| Overture | Orfeo All'Inferno | J. Offenbach |
| Overture | Eugenia | J.Darmanin |
| Innu | Banda Lily | J.Darmanin |
| | Innu Malti | |

Mro. Charles Cachia
Ass. Direttur tal-Banda

Mros. Giulio Tanti A.Mus., L.C.M.
Direttur tal-Banda.


# A. VELLA FLOURIST

FOR ALL OCCASIONS AND FLOWER SELLING

TEL: 640247

PROFIL:

# L-AHWA GANNI U PAWLU CASSAR

## Żewġ Membri Ħabrieka tas-Soċjeta'



Ġanni



Pawlu

F'kull soċjeta' kultant żmien ifeġġu soċi li bil-ħidma u d-dinamiżmu tagħhom ikunu l-perm għal ħidma kbira fis-soċjeta' li jħaddnu. F'dan l-artiklu qasir illum se nagħtu ħarsa lejn il-ħajja, bħala soċi, partitarji, u benefatturi, ta' l-aħwa Cassar magħrufa bħala taż-Żunnara, li matul għomorhom kienu forza fi ħdan is-soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.

L-aħwa Cassar kienu fost l-erbat ulied ta' Ġużeppi u Ġuża nee' Ellul — familja devota tal-Madonna tal-Ġilju. Ġanni twieled fl-4 t'April, 1920 u ġie mgħammed minn Dun F.X. Bonanno, filwaqt li Pawlu twieled fl-20 ta' Mejju, 1922 u ġie mgħammed minn Dun P. Mifsud.

Meta l-aħwa Cassar tfarfru, ftit li xejn kienu jmorru skola għax ma kienetx obbligatorja. Għalhekk, kemm Ġanni kif ukoll Pawlu ntefgħu għax-xogħol tal-barriera bħalma kienu jagħmlu l-biċċa l-kbira ta' l-irġiel Imqabbin. Fil-għaxija kienu jqattgħuh il-każin ma' sħabhom. Il-bżulija li kienu juru fuq xogħolhom kienet ta' eżempju għal sħabhom tal-każin. Huma kienu iħeġġu kemm jifilħu biex jaraw is-soċjeta' u l-Fratellanza tal-Kunċizzjoni jimxu 'l quddiem. Hawn ta' min jgħid li Ġanni ħallas għal sett ta' fjuretti li għadhom sal-lum iżejnu l-vara tal-Madonna tal-Ġilju. Għal ħafna snin kienu reffiegħa fl-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju u fil-vara titulari meta kient tintrefa' mill-fratellanzi kollha tal-parroċċa.

Wara t-tifrik tal-gwerra l-aħwa Cassar kienu minn ta' l-ewwel biex taħt l-imqaddem Baskal Xuereb inbena l-każin li kien tfarrak. Bl-entużjażmu li kien jeżisti nbniet sala kbira fuq il-maħżen ta' l-armar fi Triq Santa Katerina — sala li servjet bħala Tejatrin għal żmien twil u issa qiegħda sservi bħala każin ta' l-Imqabba Football Club.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar beda jinħass il-bżonn li l-każin jitkabbar. Meta tbattlet id-dar ta' maġenb il-każin, ħarġet l-idea li din tinxtara biex tkun tista' titwaqqa' u ssir rikostruzzjoni tal-każin mill-ġdid. L-aħwa Cassar taw sehemhom fid-diskussjonijiet li saru mal-werrieta u kienu minn ta' l-ewwel li ħarġu l-flus biex tinxtara din id-dar.

Immedjatament wara l-festi ċentinarii tal-1976, l-aħwa Cassar intefgħu b'ruħhom u b'ġisimhom mhux biss biex iħeġġu iżda huma stess meddew għonqhom biex jitwaqqa' l-każin u d-dar li nxtrat u jitla' flokhom każin arjuż u modern li għandna llum. F'dik is-sena stess fl-elezzjoni għall-Kumitat, Ġanni ġie elett u nħatar Kaxxier tas-soċjeta'. Hawnhekk dehret il-kapaċita' ta' Ġanni biex jiġbor il-fondi u ikun jista' jara l-każin jitlesta.

Iżda x-xogħol kbir li kienu bdew l-aħwa Cassar, kemm bħala membri tal-Kumitat u partitarji ma kellhomx ix-xorti li jgawduh. Fil-bidu tas-sena 1979 Pawlu Cassar ħalla din id-dinja wara marda qasira. Bħala turija ta' rispett il-Kumitat attenda għall-funeral tiegħu. Għall-festa ta' dik is-sena, Ġanni kien w'egħed li jlesti r-rikostruzzjoni tal-każin u dan irnexxielu jwettqu bl-għajnuna tal-Kumitat u l-partitarji. Kien fis-16 ta' Lulju 1979 meta bħal leħħa ta' berqa ġriet l-aħbar li Ġanni kien miet ħabta w sabta. Il-luttu li għamlitlu s-soċjeta' u l-partitarji flimkien mal-funeral li għadu jitqies bħala l-akbar funeral li sar fir-raħal tagħna, juru l-imħabba u r-rispett li kellhom is-soċjeta' u l-partitarji lejn Ġanni.

Dak li għamlu l-aħwa Cassar mhux se jintesa' għax dak li għamlu żgur li jibqa' gawdut minn ġenerazzjonijiet ta' partitarji tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.

**Joe Gauci**


for all your Aluminium Works always ask for:

# DINGLI ALUMINIUM

**Prop. Mr. M. Fenech**

**"Notre Dame de Lourdes"**

**Alley 2, Main Street,**

**DINGLI**

**TEL: 676204**

We give: Free Estimations;
Competitive Prices;
Good Delivery;
and
Superb work.

# G. & M. DEGUARA

Confectioners & Outside Caterers

Accepts orders for:

Weddings — Baptisms — Engagements etc.

**Swieqi Rd., St. Andrews — Tel. 511715**

**118, St. Mary Street, Sliema — Tel: 513254**

# 1984 Festa tal-Madonna ta

## Funzjonijiet fil-Knisja

**IL-HADD, 20 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Hruġ tal-Istatwa artistika tal-Madonna tal-Ġilju min-niċċa.

**IL-HAMIS, 24 TA' MEJJU:**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata bil-priedka minn P. Anton Dalli O.P. Wara jkun hemm Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-ĠIMGHA, 25 TA' MEJJU:**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
6.30 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.

**IS-SIBT, 26 TA' MEJJU:**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
5.30 p.m. Għasar Solenni bil-Vuċijiet, Litanija, Antifona, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
6.30 p.m. Quddiesa tal-Preċett.

**IL-HADD, 27 TA'MEJJU:**

5.30 a.m. Quddiesa Letta.
7.00 a.m. Quddiesa Letta.
8.00 a.m. Kant tal-Lawdi.
8.30 a.m. Quddiesa Kantata Solenni bil-mużika, fejn wara l-Evanġelju Can. Prep. Joseph Bonello jinsġ Paneġierku ta' tifħir lill-OMMNA Marija taħt it-titlu tal-Madonna tal-Ġilju.
10.30 a.m. Quddiesa Letta.
11.30 a.m. Quddiesa Letta.
6.30 p.m. Għasar Solenni bil-Mużika. Wara toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa artistika tal-Madonna tal-Ġilju. Mad-dħul tal-Purċissjoni ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. (1) Lejliet il-festa, mit-8.00 a.m. għan-Nisa u mill-4.00 p.m. għall-Irġiel, ikun hawn il-konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu lejn il-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.

(2) Il-Mużika fil-jiem tal-festa tkun taħt id-direzzjoni tal-Maestro di Capella F. Diacono. Fl-għasar ta' jum il-festa jieħu sehem il-Kor taż-Żejtun taħt it-tmexxija ta' Joe Caruana.

## FESTI ESTERNI

**IL-ĦADD, 20 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Ħruġ ta' l-istatwa artistika tal-Madonna tal-Ġilju min-niċċa.

8.30 p.m. Mixgħela tal-każin tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.

**L-ERBGĦA, 23 TA' MEJJU:**

8.00 p.m. Mixgħela ġenerali. Wara l-BANDA LILY taħt id-direzzjoni ta' Mro. Giulio Tanti, A.Mus. L.C.M. tiftaħ il-festi b'marċi brijjużi mat-toroq tar-raħal. Il-marċ jibda minn Triq Saljatura.

**IL-ĦAMIS, 24 TA' MEJJU:**

8.00 p.m. Mixgħela ġenerali. Il-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paul Schembri M.I.W.M. M.I.S.M., tagħmel marċ brijjuż mat-toroq tar-raħal. Il-marċ jibda minn Triq it-Torri.

**IL-ĠIMGĦA, 25 TA' MEJJU:**

8.00 p.m. Mixgħela ġenerali. Il-Banda Santa Katerina taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. E. Deguara A.Mus., L.C.M. takkompanja l-istatwa tal-Madonna b'marċi mat-toroq tar-raħal. Hekk kif l-istatwa tasal fil-pjazza tindaqq l-Ave Marija u tittella' fuq il-pedestall. Il-marċ jibda minn Triq il-Qrendi.

**IS-SIBT, 26 TA' MEJJU — LEJLIET IL-FESTA.**

8.00 p.m. Mixgħela ġenerali. Il-BANDA LILY tagħmel marċ trijonfali u wara tesegwixxi Programm Mużikali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Giulio Tanti A.Mus., L.C.M. u l-Ass. Direttur tal-Banda Mro. Charles Cachia. Il-marċ jibda minn Triq Santa Katerina.

**IL-ĦADD, 27 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA**

12.30 p.m. Il-Banda Lily taħt id-direzzjoni ta' Mro. Giulio Tanti A.Mus. L.C.M. tagħmel marċ tradizzjonali mat-toroq ewlenin tar-raħal bis-sehem brijjuż u divertenti tal-partitarji tagħna. Il-marċ jibda minn Pjazza Diamond Jubilee.

6.00 p.m. Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar tagħmel marċ minn Triq il-Parroċċa sal-Pjazza fejn wara li ddoqq l-Ave Marija tesegwixxi Programm Mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. John J. Pace.

6.15 p.m. Il-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq tagħmel marċ minn Triq Sta. Katerina sal-Pjazza fejn wara tesegwixxi Programm Mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. E. Bugeja A.Mus., L.C.M. Kif l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju tasal quddiem il-każin tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju il-Banda tesegwixxi "INNU LILL-MADONNA TAL-ĠILJU", versi ta' Dun F. Camilleri u mużika ta' Mro. J. Darmanin A.Mus., L.C.M. Jieħdu sehem it-tenur A. Sapiano u l-Baxx J. Vella Bondin bl-akkumpanjament tal-kor ta' l-istess soċjeta'.

IL-KUMITAT

# PROGRAMM TA' LOGHOB TAN-NAR




**IL-HADD, 20 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Mal-Hruġ ta' l-istatwa min-niċċa jkun hemm ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti.

**L-ERBGHA, 23 TA' MEJJU:**

10.00 p.m. Hruq ta' murtaletti u kaxxa nfernali.

**IL-HAMIS, 24 TA' MEJJU:**

10.00 p.m. Hruq ta' murtaletti u kaxxa nfernali.

**IL-ĠIMGHA, 25 TA' MEJJU:**

10.00 p.m. Hruq ta' murtali u kaxxa nfernali. Wara jkun hemm logħob tan-nar ta' l-art fil-pjazza quddiem il-każin.

**IS-SIBT, 26 TA' MEJJU — LEJLIET IL-FESTA**

8.00 a.m. Hruq ta' kaxxa nfernali u murtali.

12.00 a.m. Hruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.

7.00 p.m. Waqt l-Ave Marija jkun hemm ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali, murtaletti u murtali bil-logħob.

9.45 p.m. Hruq ta' salut tal-lampjun, murtali tal-beraq pront, u murtali tal-kulur.

11.00 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkaniżżat u artistiku fil-pjazza ta' quddiem il-Każin.
Wara jkun hemm kaxxa nfernali tal-kulur.

**IL-HADD, 27 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA**

8.00 a.m. Hruq ta' kaxxa nfernali u murtali.

12.00 p.m. Hruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.

7.30 p.m. Mal-ħruġ tal-vara jiġu sparati salut u kaxxa nfernali.
Matul il-purċissjoni ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxi nfernali, murtaletti, murtali bil-logħob, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
Mad-dħul tal-vara jiġu sparati musketterija u kaxxa tal-kulur.

Il-Kumitat jirringrazzja lil dawn id-dilettanti li b'tant sagrifiċċju ħadmu matul is-sena kollha biex jipprovdu spettaklu xieraq f'isem is-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.

# KALENDARJU T'ATTIVITAJIET

Ikun x'eraq li f'dan il-ktejjeb naqhtu ħarsa fil-qosor lejn l-attivitajiet li ġew organizzati mill-festa tas-sena l-oħra sal-lum. Dawn l-attivitajiet l-għan ewlieni tagħhom hu li jgħaqqad il-membri u l-partitarji.

Matul ix-xhur tas-sajf ġiet organizzata l-Kompetizzjoni ta' li Snooker, fejn daħlu 22 kompetitur. Il-finalisti kienu Michael Magro, Charles Zammit, u Joe Falzon, bir-rebbieħ Charles Zammit. Charles Zammit u Michael Margo kisbu d-dritt li jirrappreżentaw lis-Soċjeta' fil-Kompetizzjoni ta' li Snooker tat-III Diviżjoni tal-Malta Billiard & Snooker Association. Iż-żewġ kompetituri tagħna nqalgħu mill-kompetizzjoni fit-Tielet round. Attivita' oħra matul ix-xhur tas-sajf kienet il-Barbeque li sar fil-Private Beach tal-Fortina Hotel.

Kull xahar minn Settembru 'l hawn sar Coffee Moring fejn l-attendenza dejjem kienet tajba. Fl-ewwel Hadd ta' Novembru saret Quddiesa u t-tberik tal-post tan-nar fejn qaddes id-Direttur Spiritwali tas-Soċjeta'. Għal din il-quddiesa attendew dawk kollha li jaħdmu n-nar għall-festa u numru sabiħ ta' partitarji.

F'Novembru spiċċa t-term tal-Kumitat. Saret is-Seduta Ġenerali Annwali, u ġimgħa wara saret l-elezzjoni għall-Kumitat il-ġdid taħt it-tmexxija tas-Sinjuri Saver Abdilla, Joe Azzopardi, u Jimmy Tanti. Kien ta' sodisfazzjon kbir li s-soċi ħamlu d-dover tagħhom fejn 90% vvutaw biex jagħżlu tnax-il membru minn 19 il-kontestant.

Mix-xahar ta' Diċembru, il-Kumitat beda joħroġ fuljett bl-isem il-"Ġiliu", kull tlett xhur. Fl-ewwel Hadd ta' Diċembru saret il-festa tal-Kunċizzjoni fir-raħal tagħna. Minħabba l-maltemp il-purċissjoni kellha titħassar u l-Programm Mużikali li kellu jsir quddiem il-każin sar ġewwa l-każin. Fit-8 ta' Diċembru saret quddiesa fil-każin fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunċizzjoni. Qaddes id-Direttur Spiritwali Fr. Adrian fost numru kbir ta' partitarji li resqu wkoll għat-Tqarbin Imqaddes. Wara sar il-ftuħ tal-Bazaar Annwali u t-tberik tiegħu. Dan il-Bazaar li dam miftuħ sal-Milied huwa punt importanti fil-Kalendarju ta' attivitajiet li jsiru mis-Soċjeta'.

Ġimgħa qabel il-Milied sar id-Dinner Dance tal-Milied fl-Acquasun Lido li għalih attendew 'l fuq minn 150 persuna fost briju u l-gost ta' dawk kollha preżenti. Matul ix-xahar ta' Diċembru bdejna nagħmlu Tombla fil-Każin kull nhar ta' Hadd wara nofsinhar. Fil-jiem tal-Milied il-Kumitat qassam Kalendarji lill-partitarji tas-Soċjeta'. Nhar il-Milied, biex jiżdied il-ferħ ta' dawk il-ġranet, il-Banda Lily għamlet Marċ b'daqq ta' carols mat-toroq tar-raħal fejn wara tqassmu r-rigali lit-tfal. F'dawk il-jiem tal-Milied sar il-party tat-tfal li għalih attendew aktar minn 180 tifel u tifla bejn it-tlett snin u t-tnax-il sena.

Fit-tieni Hadd ta' Jannar sar Social Evening għas-Soċi u l-partitarji fejn barra l-ikel u xorb, setgħu jaraw wirja ta' maġija u Cabaret. F'dan iż-żmien sar High Tea fil-Buskett Roadhouse.

Wara dawn l-attivitajiet kollha, il-Kumitat intefa' jaħdem għall-festa ta' din is-sena biex dak li kien sar matul ix-xhur ta' qabel jiġi finalizzat. Minn din is-sena ħassejna li tkun ħaġa xierqa li fil-jiem tar-Randan isir kors ta' konferenzi spiritwali fil-każin. Dawn twettqu u tmexxew bil-għajnuna tad-Direttur Spiritwali tagħna.

Dawn kienu fuq, fuq, l-attivitajiet li saru u li permezz tal-konkorrenza tal-partitarji stajna naraw tikber aktar l-għaqda fostna. Illum il-partitarji m'għadhomx jistennew il-festa biex jieħdu gost flimkien għax matul is-sena qegħdin isiru attivitajiet biżżejjed għal dan il-għan.

# Il-Bradella tal-Istatwa taghlaq 30 sena



Fis-1.00 ta' wara nofsinhar, tal-Hamis 9 ta' April 1942, il-Knisja tar-raħal tagħna ntlaqtet bil-bombi ta' l-għadu u ġarrbet ħsarat kbar. Fost l-affarijiet li tkissru kien hemm il-Bradella tal-Madonna tal-Ġilju.

Fit-13 ta' Diċembru 1952, Dun Ġużepp Xuereb, Prokuratur ħabriek tal-festa għamel rikors fil-Kurja biex issir Bradella ġdida. Wara li sar il-ġbir, inħad-met Bradella l-ġmiel tagħha fuq disinn ta' l-iskultur Buhagiar minn Ħal Tarxien. Din il-Bradella żżanżnet nhar **it-8 ta' Diċembru 1954,** Ċentinarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni.


## JULIUS FURNITURE

NAHDMU:

- MAIN/SPAIR BEDROOMS TA' KWALITA' GHOLJA
- KITCHEN UNIT TAL-FORMICA JEW PITCH-PINE
- POĠĠAMANI BIL-BALAVOSTRI TAL-KEWBA
- BIBIEN TAL-IROKO JEW KEWBA, etc.

IRRIKORRU:

**30 LUQA IND. ESTATE**

**LUQA**

**TEL: 784243**

(Faċċata tal-Country Hotel)

## FID-9 T'APRIL, 1942

Kien jum sabiħ minn tar-rebbiegħa,
Ix-xemx fis-sema hekk kaħlanija:
Kien jum ta' gwerra, jum ta' tbatija;
Ġuħ, għaks u faqar, u mwiet bla ħtija.

Meta bħas-soltu is-skiet inkiser,
Intlemaħ l-għadu fis-sema kwiekeb:
Kulħadd mifxul, kollha sogħbiena,
Kulħadd imbeżża' mid-dell bla ħniena.

Is-sema ddallam b'ħames biċċiera,
Li ġew għall-ħerba fuq raħal twelidna:
Tlett bombi ntefgħu bla ebda ndiema
U laqtu l-knisja, id-djar u ltiema.

Hekk kif il-qilla ta' l-għadu ntemmet,
Kulħadd imbikkem ħareġ mix-xelter:
Min jgħin l-imweġġa', min ma' l-imnikkta,
Min ċass iħares, miblugħ fis-sikta.

In-nies dlonk daħlet ġo fdal il-knisja,
Bil-koppla mwaqqa' b'debrien miksija:
In-nava msejħa 'tal-Kunċizzjoni',
Twaqqgħet kollha...... sas-Sagristija.

Missirijietna, mdemmgħa għajnejhom,
Imnikkta, sogħbiena jħarsu ħosbiena
Lejn il-borġ ġebel tan-niċċa mirduma
Fejn il-Madonna kienet meqjuma.

It-tindif beda bil-qalb u l-ħeġġa;
Il-kotra għenet, imdejqa, imbikkija:
U oħroġ l-għaġeb fin-niċċa ntlemaħ
Wiċċ il-Madonna bil-ħlewwa mogħnija!

Il-wiċċ hekk safi b'kuraġġ imlihom,
W id-dmugħ imnikket sar dmugħ ta' serħ:
L-istatwa nkixfet bl-anġlu ħdejn sieqha,
Bil-ġilju f'idu: x'xena ta' ferħ!

Ras il-kefrija kienet żgur tkissret
Għax ħadd ma sabha f'dak id-debrien:
"Viva tal-Ġilju", kulħadd kien għajjat,
'Madonna, għinna, 'tina l-ħelsien!'

**Michael Dingli**
**5/4/84**

# SEHEM MILL-BANED MISTIEDNA

Il-Ħamis, 24 ta' Mejju

IL-BANDA SANT'ANDRIJA — LUQA

SETT TA' MARĊI

| MARĊ | KOMPOŻITUR |
|---|---|
| "1883" | E. Deguara |
| Presup | A. Sarge |
| Sur Carm Baldacchino | C. Caruana |
| St. Andrew's 1983 | F. Coleiro |
| Joyful Day | A. Coleiro |
| Carmelina | P. Schembri |
| Kemm Aħna Ferħanin | R. Galea |
| Mitt Sena Ilu | J. Calleja |

Mro. Paul Schembri M.I.W.M., M.I.S.M.
Direttur tal-Banda

Il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju

---

IL-BANDA SANTA KATERINA — ŻURRIEQ

SETT TA' MARĊI

| MARĊ | KOMPOŻITUR |
|---|---|
| La Vincitrice | Mro. Andrew Coleiro |
| Lill-Kumitat 1956/56 | Mro. John Mamo |
| Viva l-Festa Tagħna | Francis Falzon |
| Tonichka | Mro. Paul Schembri |
| Pamsy | Mro. Espedito Deguara |
| S'Insegna e si Impara | Mro. Andrew Coleiro |
| Catherine | Mro. Angelo Pace |
| Roberta | Mro. Nazzareno Mifsud |
| Lill-Kbira Katerina | Mro. Orazio Cachia |
| Bint ix-Xemx | Francis Falzon |
| The Gambin Brothers | Mro. Andrew Coleiro |
| Supremazija | Nikola Bugeja |
| La Signora Rita | Major Anthony Aquilina |
| Catherine's Wheel | Charles Lucas |

Mro. Espedito Deguara A.Mus., L.C.M.
Direttur tal-Banda

# SEHEM MILL-BANED MISTIEDNA

Il-Hadd, 27 ta' Mejju — JUM IL-FESTA
Il-Banda "Queen Victoria" — Żurrieq

Programm Mużikali

| | | |
|---|---|---|
| Innu | L'll-Madonna tal-Ġilju | Darmanin |
| Overture | Luliana | Bugeja |
| Terzetto | Lombardi | Verdi |
| Innu | Banda Queen Victoria | Bugeja |

INNU MALTI

Mro. E. Bugeja, A.Mus., L.C.M.
Direttur tal-Banda

---

Il-Hadd, 27 ta' Mejju — JUM IL-FESTA
Il-Banda San Mikiel — Żabbar

Programm Mużikali

| | | |
|---|---|---|
| Selection | The Earl and the Girl | Ivan Caryll |
| Għanja Sinfonika | Taċ-Ċentinarju | John J. Pace |
| Sinfonia | Se lo Fossi Re | Adolph Adam |
| Marċ Sinfonica | Sempre Forte | Leone Agostino |
| Innu Marċ | Lill-Banda San Mikiel | Anton Micallef |

INNU MALTI

Mro. John J. Pace
Direttur tal-Banda


## WHITE CROSS DISPENSARY

ST. BASIL STR. — MQABBA.

STOCKISTS OF:
PATENTS — COSMETICS — BABY-FOODS — BABY-REQUISITIES
PERFUMES — etc.

# FESTA TAL-MADONNA TAL-GILJU - 1983
## Rendikont tal-Festa fil-Knisja

**Rendikont tal-Festa fil-Knisja: :**

**DHUL:**

| | | |
|---|---|---|
| | | Lm c. m |
| Bilanċ tas-sena ta' qabel | ... ... ... ... ... ... ... | 85.97.2 |
| Ġbir bl-envelopes | ... ... ... ... ... ... ... ... | 345.60.0 |
| ... | TOTAL | 431.57.2 |

**HRUĠ:**

| | | |
|---|---|---|
| Orkestra/Kor | ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 135.00.0 |
| Punterija u Servizz diversi | ... ... ... ... ... ... ... | 63.00.0 |
| Programmi | ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 20.00.0 |
| Vuċij'et u Organista | ... ... ... ... ... ... ... ... | 33.00.0 |
| Qniepen/Anterni/Standardi/Salib | ... ... ... ... ... | 28.00.0 |
| Xemgħa tal-Artali, eċċ | ... ... ... ... ... ... ... | 15.00.0 |
| Dawl fil-Knisja | ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 15.00.0 |
| Transport | ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 7.00.0 |
| Fiuri | ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 27.00.0 |
| Envelopes | ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 2.00.0 |
| Xorb | ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 2.30.0 |
| Permessi | ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 1.00.0 |
| | TOTAL | 348.30.0 |

| | | |
|---|---|---|
| DHUL | ... ... ... ... ... ... ... | 431.57.2 |
| HRUĠ | ... ... ... ... ... ... | 348.30.0 |
| BILANĊ | ... ... ... ... ... ... ... | 83.27.2 |


DOMENICO ARPA LTD.

MERCHANT'S STREET, VALLETTA

TEL: 26212

CURTAINS, BEDSPREADS, CARPETS, SHEETS, etc.



**WARA** mix-xellug għall-lemin
A. Barbara, J. Gauci, T. Dingli, L. Magro, B. Farrugia, C. Azzopardi.
**QUDDIEM:** B. Dingli, C. Sacco J. Zammit, Patri A.J. Cachia O.F.M., J. Abdilla, B. Briffa, T. Farrugia.



Fuq inizjattiva ta' LAWRENCE MAGRO u TEDDY FARRUGIA din is-sena giet restawrata l-Katuba. Din inbiddlet kompletament f'wahda gdida. Ser jizzanzan ukoll l-karru taghha. Ix-xoghol tal-hadid sar taht id-direzzjoni ta' JOE ZAMMIT, iz-zebgha kienet fdata f'idejn CHARLIE CAMILLERI u JOE CAMILLERI (Zebbug). Fil-waqt li l-Plating sar ghand l-INVICTA LTD.